KUNSILL LOKALI TAL-IMTARFA

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imtarfa**

# IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 10

**It-Tnejn 17 ta' Frar 2025**

Il-Kunsilli Lokali tal-Imtarfa ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fit-*Town Centre*, Triq ir-Reġimenti Maltin, l-Imtarfa fis-6:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Dale Hayman – Sindku
Len Abela Vassallo – Viċi Sindku
Anton Mifsud – Kunsillier
Simon Fenech – Kunsillier
Antoine Vella - Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Shawn Tanti – Deputat Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

## 10.1 Qari tal-Apoloġiji

10.1.1 Is-SE informa li ma kiemx hemm ittri ta' apoloġiji.

## 10.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

10.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) preżenta l-minuti tal-laqgħa numru 9 li kienu meqjusa moqrija

10.2.2 Il-minuti tas-seduti ġew approvati b'mod unanimu u ġew ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

## 10.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku

10.3.1 Is-Sindku nforma li applikajna għal bosta xogħlijiet oħra mal-public works permezz tal-framework agreement

10.3.2 Is-Sindku nforma wkoll li hemm diversi toroq bla dawl u kien ser jagħmel kuntatt mal-Enemalta sabiex dan jintranġa fl-inqas żmien possibbli.

## 10.4 Jum L-Imtarfa

10.4.1 Is-Sindku semma li bdew il-preparamenti sabiex din is-sena jerġa jittella Jum L-Imtarfa. Is-Sindku semma li din is-sena jixtieq li issir ġurnata ta' attivita fejn il-qofol tal-ġurnata tkun meta fis-serata mużiko-letterarja jingħata Ġiħ L-Imtarfa. Il-Kunsillier Vella qal li hu diġa avviċina xi esebituri sabiex ikunn jistgħu itellgħu ix-xogħol tagħħhom għal wiri.

10.4.2 Il-Kunsilliera qabblu li dan għandu jsir.

## 10.5 Mdina Gran Prix

10.5.1 Is-Sindku qal li trid issir laqgħa ta' konsultazzjoni mal-isteakholders kollha sabiex niżguraw li jkun hemm l-inqas inkonvenzjenza possibbli għar-residenti Imtarfin.

10.5.2 Il-Kunsilliera qablu li dan għandu jsir.

## 10.6 Laqgħa Pubblika Annwali

10.6.1 Il-Kunsill qabel li l-Laqgħa Pubblika Annwali għandha issir qabel il-laqgħa li jmiss tal-Kunsill li data tagħha kien se jiġi deċiż f' l-aħħar tal-laqgħa.

## 10.7 Fondi fuq Kultura

10.7.1 Is-SE spjega kif kien se japplika għal fondi tal-Kultura sabiex terġa tittella il-Militry Mtarfa kif ukoll titella attivta  tal-Karnival u tal-Milied aktar tard fis-sena. Il-Fondi huma dawk tal-SPI li joħorġu mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

10.7.2 Il-Kunsill qabel li għandna napplikaw.

## 10.8 Tibjid Tromba tat-taraġ tal-Kunsill

10.8.1 Wara diskussjoni bejn il-Kunsilliera, dawn qabblu li għandna niċċekkjaw minn fejn ġejja ilħsara minn barra u nirranġaw hemm umbgħad wara inbajdu u jsir manutenzjoni fuq ġewwa.

## 10.9 Dawl fil-Lokalita

10.9.1 Is-Sindku sostna li kien se jagħmel meeting mal-Enemalta sabiex nistabillixxu t-triq il-quddiem fejn għandhu x'jaqsam dawl ta Toroq.

## 10.10 Pagament Housing Mtarfa F.C

10.10.1 Il-Sindku propona li peres li Mtarfa F.C baqgħu jinjoraw l-korrispondenzi tagħna u l-pagament baqa' ma sarx, għandna mmexxu b'ittra b'avukat.

10.10.2 Il-Kunsilliera qablu li nagħmlu dan.

## 10.11 Tabelli Mtarfa Scouts Group

10.11.1 Is-Sindku propona sabiex isiru tabelli li jindikaw li hemm l-Imtarfa Scouts Group. Il-Kunsill qabel li dawn għandhom isiru għal kull għaqda li hawn ġo l-Imtarfa.

10.11.2 Għaldaqstant ser naraw x'possibiltajiet hemm sabiex din tkun tista ssir.

## 10.12 Triq is-Sardinell

10.12.1 Is-Sindku propona sabiex inkellmu lil-Housing  għall permess biex naghmlu it triq sħiha u nkissru l-bankina tal-binja

10.12.2 Għaldaqstant ser naraw x'possibiltajiet hemm sabiex din tkun tista ssir.

## 10.13 Traffic Management

10.13.1 Peres li l-Kwptazzjoni li daħlet kienet għolja, il-Kunsill ser jerġa joħroġ din l-offerta u deċiżjoni kienet se tittieħed f'laqgħa oħra.

## 10.14 Punti Oħra

Il-Kunsillier Simon Fenech staqsa fuq is-Siġra ta' Triq il-Gladjoli kif ukoll fuq Triq Sir- Leslie Rundle. Is-Sindku wieġeb li dawn kienu ser jinżabru.

## 10.15 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

010.15.1 Il-Kunsill approva l-lista tal-pagamenti (Skeda Nru. 09/2024), kopja tagħha mehmuża. Il-Kunsillier Mifsud propona l-approvazzjoni filwaqt li l-Kunsillier Fenech issekonda u għaldaqstant il-lista tal-pagamenti ġiet iffimata mis-Sindku u mis-SE.

## 10.15 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

10.15.1 Il-laqgħa ntemmet fit-8:10pm u kien hemm qbil li s-seduta li jmiss tinżamm nhar it-Tnejn 17 ta' Marzu 2025 fis-18:30 filwaqt li l-laqgħa Pubblika tibda fil-17:30.

| | |
|---|---|
| Dale Hayman | Shawn Tanti |
| Sindku | Aġent Segretarju Eżekuttiv |